# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 32**

**Rikors Numru 1157/14 LSO**

**Zahra Antonia**

**v.**

**Borg Raymond**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Antonia Zahra tad-19 ta' Dicembru 2014, li in forza tieghu jinghad hekk:

> "1. Illi zewgha Carmelo Zahra miet fl-10 ta' Gunju 2014 (Dok A) u skont is-soliti ricerki (Dokumenti B u C) l-uniku testment tieghu li bih hi regolata s-successjoni tieghu, kien dak li sar fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Martinelli datat 3 ta' Mejju 2014 (Dok D);
>
> "2. Illi skont dan it-testment, it-testatur Carmelo Zahra kien innomina u istitwixxa b'uniku eredi universali u padrun assolut tal-gid kollu tieghu lill-konvenut Raymond Borg;

"3. Illi jirrizulta li l-konvenut Raymond Borg li kien il-gar tad-*decuius* u martu, kien jaf li d-*decuius* ma kienx fadallu hajja twila. Fix-xahar t'April kien jaf li d-*decuius* ma kienx fadallu aktar minn xahrejn hajja.

"4. Illi l-volonta' u l-intenzjoni tat-testatur kienu suggetti ghal ingann u b'hekk jiddifettaw il-kapacita' u l-kunsens.

"5. Illi t-testment in atti tan-Nutar Dr. Carmel Martinelli sar fit-3 ta' Mejju 2014;

"6. Illi kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, fit-3 ta' Mejju 2014, b'ingann ezercitat min-naha tal-konvenut, Carmelo Zahra gie indott biex jaghmel it-testment fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Martinelli;

"Ghaldaqstant *in vista* tal-premess, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-testment maghmul minn Carmelo Zahra fit-3 ta' Mejju 2014, in atti tan-Nutar Dr Carmel Martinelli huwa null u bla effett u ma jirrapprezentax il-volonta ta' l-istess Carmelo Zahra ghaliex kien frott tal-ingann;

"2. Konsegwentament ladarba l-uniku testment li Carmelo Zahra ghamel kien dak tat-3 ta' Mejju 2014 u liema testment huwa null u invalidu, tiddikjara u tordna li s-successjoni tad-*decuius* Carmelo Zahra ghandha tkun successjoni *ab intestato* bis-sahha tal-ligi u per konsegwenza lill-attrici bhala eredi universali ta' l-istess Carmelo Zahra ladarba hija martu u ma kellhomx ulied;

"3. Konsegwentament tillikwida *occorendo* bl-opera ta' perit nominandi, l-assi ereditarji kollha ta' l-imsemmi Carmelo Zahra;
"4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jghaddi lill-attrici l-assi ereditarji imsemmija fit-talba prezenti flimkien mal-frottijiet tal-mewt ta' Carmelo Zahra;

"B'rizerva ghad-dritt tas-sehem rizervat, f' kaz li l-azzjoni ma tirnexxix.

"Bl-ispejjez, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni, inkluzi izda mhux biss, dawk ta' l-ittra ufficjali numru 3847/14."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Raymond Borg tat-3 ta' Marzu, 2015, li permezzz taghha eccepixxa s-segwenti:

"1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti jigi eccepit illi r-rikors guramentat odjern huwa insostenibbli *stante* li premessi u t-talbiet kontenuti fih huma

konfliggenti u kontradittorji u jhaltu flimkien zewg azzjonijiet totalment distinti u separati, fis-sens illi l-attrici qieghda tezercita bl-istess azzjoni kemm l-azzjoni ghan-nullita` ta' testament (liema azzjoni tippresupponi testment guridikament ezistenti izda li jrid jigi annullat a bazi ta' allegazzjoni li fih nieqes xi element rikjest mil-ligi ghall-ezistenza tieghu) pero` fl-istess hin qed tezercita l-azzjoni (anke jekk bhala talba sussidjara) sabiex tinghata l-legittima liema azzjoni tippresupponi testament validu u li fih l-elementi essenzjali rikjesti mil-ligi ghall-ezistenza tieghu;

"2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet ta' l-attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes *stante* li mhux minnu li fid-data li sar it-testmentment fit-3 ta' Mejju 2014 fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Martinelli d-*decuius* kien suggett ghal ingann. L-esponenti jirrileva illi d-*decuius* kellu l-fakoltajiet mentali kollha li trid il-ligi u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawa. Fil-fatt, l-attirici ma taghti l-ebda hjiel u ma tispjegax x'ingann gie ezercitat fuq id-*decuius*;

"3. Illi ghalhekk it-testment in kwistjoni huwa validu ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

"4. Salv u minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jemergu bhala gustifikati *pendente lite;*

"5. Illi finalment l-intimat jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dritt li jipprezenta kontro-talba kontra l-attrici;

"Ghal dawn ir-ragunijiet l-intimat qieghed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet ta' l-attrici fl-intier taghhom bl-ispejjez."

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut Raymond Borg ipprezentata kontestawalment mar-risposta guramentata, li permezz taghha jinghad:

"1. Illi fl-10 ta' Gunju 2014 miet Carmel Zahra;

"2. Illi permezz ta' testment datat 3 ta' Mejju 2014 fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Martinelli, l-istess Carmelo Zahra ddispona minn gidu kollu billi istitwixxa lil Raymond Borg bhala eredi ta' gid kollu tieghu;

"3. Illi d-*decuius* meta miet kien mizzewweg lil rikovenzjonata u ghalhekk bejniethom kien hemm il-komunjoni ta' l-akkwisti li tirregola l-patrimonju tieghu flimkien ma' dak ta' martu;

"4. Illi allura issegwi li nofs is-sehem tal-komunita' ta' l-akkwisti ta' bejn ir-rikonvenzjonata u tad-decujus illum il-gurnata jappartjeni lil Raymond Borg;

"5. Illi meta mitluba r-rikonvenzjonata tersaq sabiex tindika l-assi li kienu jiffurmaw il-patrimonju konjugali hija irrifjutat u dan minghajr raguni valida skont il-ligi;

"6. Illi minn l-informazzjoni li ghandu r-rikonvenzjonat hemm flus kontanti, kontijiet bankarji kif ukoll proprjeta` mobbli u immobli li jifformaw kollha parti integrali mill-komunita ta' l-assi;

"7. Illi pero` r-rikonvenzjonata attrici ma poggietx f' pozizzjoni sabiex li jkun jista' jivverifka dak li wiret anzi hija irrifjutat li tersaq sabiex jigu illikwidati u divizi l-assi li jiffurmaw il-kummunita ta' l-akkwisti;

"8. Illi minn nofs l-assi tal-komunita' ta' l-akkwisti r-rikonvenzjonata hija intitolata ghal legittima porzio

"Illi ghalhekk l-intimat rikonvenzjonat Raymond Borg umilment jitlob ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

"1. Tiddikjara li permezz tat-testment datat 3 ta' Mejju 2014 fl-atti tan-nutar Dr Carmel Martinelli l-intimat rikonvenzjant huwa l-eredi universali tal-mejjet Carmelo Zahra;

"2. Tistabbilixxi u tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-mejjet Carmelo Zahra u r-rikonvenzjonata attrici martu Antonia Zahra;
"3. Tigi ordnata l-qasma ta' dawn l-assi f' zewg ishma u wiehed jigi assenjat lil rikovenzjonat intimat Raymond Borg bhala l-eredita` li huwa wiret u l-iehor lir-rikonvenzjonata bhala attrici Antonia Zahra;

"4. Tordna li lir-rikonvenzjonata attrici Antonia Zahra tghaddi lir-rikonvenzjonat is-sehem ta' nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk kif likwidat u dan fiz-zmien qasir u perentorju, li jigi prefiss minn din il-Qorti;

"5. F'kaz ta' proprjeta` immobbli, tordna d-divizjoni ta' l-istess proprjeta` immobbli jekk din l-istess proprjeta' hija komodament divisibbli, jekk le, tordna l-bejgh taghhom b'licitazzjoni u jinqasam ir-rikavat bejn l-attrici rikonvenzjonata u l-intimat rikonvenzjonat fi kwoti indaqs bejniethom.

"Bl-ispejjez kontra r-rikonvenzjonata attrici, li minn issa hija ingunta in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata rikonvenzjonali ta' Antonia Zahra ghall-kontro-talba mressqa mir-rikonvenzjonant, li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:

"1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ssusegwenti jigi eccepit illi r-risposta intavolata mill-intimat Raymond Borg hija nulla u bla validita` *stante* illi ma tissodisfax ir-rekwiziti rikjesti *ad validitatem* mill-artikolu 158 (3) (c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghall-eccezzjonijiet sussegwenti jigi eccepit illi l-kontro-talba intavolata mill-konvenut rikonvenjent hija nulla u bla effett *ai termini* ta' l-Artikolu 789 (1) (d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, *stante* illi l-kontro-talba mhijiex konnessa mat-talbiet tal-attrici rikonvenuta hekk kif rikjest fl-Artikolu 396 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant kellha ssir talba *ad hoc* jew kawza *ad hoc* u mhux kontro-talba.

"3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghall-eccezzjonijiet sussegwenti jigi eccepit illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tisma' u tiddeciedi t-talbiet rikonvenzjonali tal-intimat rikonvenzjonat Raymond Borg, wara u jekk dina l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet tar-rikonvenzjonata attrici;

"4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-intimat rikonvenzjonat Raymond Borg, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

"5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-initimat rikonvenzjonat Raymond Borg jaf ezattament x'inhuma l-assi li kienu jiffurmaw il-patrimonju konjugali, l-intimat rikonvenzjonat Raymond Borg jaf li ma hemmx proprjeta' immobli li jiffurmaw parti integrali mill-komunita' matrimonjali, l-intimat rikonvenzjonat Raymond Borg jaf li l-uniku proprjeta` mobbli li tippartjenti l-komunita' matrimonjali hija l-vettura Toyota Aygo (HBL 429) li diga` tinsab fil-pussess tieghu fejn sahansitra ra kif ghamel biex dina l-istess vettura tkun fil-pussess tieghu proprju minn qabel ma' d-*decuius* Carmelo Zahra miet.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

"Bl-ispejjez kontra l-intimat rikonvenzjonat Raymond Borg li huwa minn issa ingunt in subizzjoni."

Rat is-sentenza *in parte* dwar diversi eccezzjonijiet preliminari, moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Settembru, 2015, li in forza taghha gie deciz illi filwaqt li cahdet l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, u cahdet ukoll l-ewwel eccezzjoni tal-attrici rikonvenzjonata, laqghet it-tieni eccezzjoni tal-istess attrici rikonvenzjonata u ddikjarat li t-

talba rikonvenzjonali tal-konvenut bhala nulla u bla effett. Ordnat ukoll lill-konvenut sabiex fi zmien ghaxart (10) ijiem mid-data tas-sentenza jipprezenta nota mahlufa fejn jiddikjara b'paragrafi numerati, il-fatti kollha dwar it-talba, fejn jichad, jammetti jew jispjega c-cirkostanzi tal-fatti murija fid-dikjarazzjoni tal-attrici, filwaqt li jiddikjara liema fatti huwa jaf bihom personalment. Il-konvenut gie kkundannat ukoll ihallas l-ispejjez tal-istess proceduri.

Peress illi l-appell mill-imsemmija sentenza sar limitatament in kwantu dik il-Qorti laqghet it-tieni eccezzjoni tal-attrici rikonvenzjonata u konsegwentement iddikjarat it-talba rikonvenzjonali nulla u bla effett, ser jigu riprodotti biss il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti limitati ghal dan il-kap tas-sentenza appellata. Dik il-Qorti ddecidiet il-kap appellat in ezami, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-rigward:

> "C. Nullita' tal-Kontro-Talba (It-tieni eccezzjoni fir-risposta taghha ghall-kontro-Talba).

L-attrici eccepiet li:-

> *"2. preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghall-eccezzjonijiet sussegwenti jigi eccepit illi l-kontro-talba intavolata mill-konvenut rikonvenjent hija nulla u bla effett ai termini ta' l-Artikolu 789 (1) (d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi l-kontro-talba mhijiex konnessa mat-talbiet tal-attrici rikonvenuta hekk kif rikjest fl-Artikolu 396 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant kellha ssir talba ad hoc jew kawza ad hoc u mhux kontro-talba."*
>
> "Ikkonsidrat li permezz tar-rikors promotur, l-attrici qed timpunja t-testment maghmul minn zewgha abbazi ta' qerq (ingann). Il-*causa petendi*, ossia r-raguni guridika ghaliex qed issir it-talba, hija l-vizzju tal-

kunsens filwaqt li l-oggett tat-talba, il-*petitum,* huwa l-annullament tal-istess testment.

"Il-konvenut qieghed jitlob permezz tal-kontro-talba, li tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn it-testatur u l-attrici u tigi ordnata l-qasma bejn il-kontendenti. Il-fundamentum agendi tieghu huwa l-kwalita' tieghu ta' eredi abbazi tal-ahhar testment tad-decujus. Il-*petitum* tikkonsisti f'talba ghad-divizjoni previa l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn l-attrici u d-defunt zewgha. Ovvjament it-talba rikonvenzjonali tippresupponi testment validu.

"Ikkonsidrat li l-istitut tar-Rikonvenzjoni hija regolata bl-Art. 396 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-element essenzjali ta' din il-procedura hija il-konnessjoni li trid tirrizulta bejn it-talba u l-kontro-talba (*continentia causarum).* L-iskop tal-procedura imsemmija hija l-unifikazzjoni ta' zewg kawzi awtonomi u distinti li altrimenti ikunu jistghu jinstemghu kontestwalment u jwasslu ghal zewg sentenzi separati minnflok sentenza unika.

"Skont l-Artikolu 396(a) tal-Kap Tnax tal-Ligijiet ta' Malta, kontro-talba tista' ssir:-

*"Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:*

*"(a) Meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja it-talba tal-attur;"*

*"(b) "Meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew b' kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha."*

"L-eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju hija proponibbli biss jekk jinkonkorru r-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 789 tal-Kap.12 u l-Qorti tifhem li r-rikorrent qed jinvoka l-Artikolu 789(1)(d) .

"Huwa pacifiku li ghalkemm il-legislatur ma llimitax it-talbiet li jistghu jitressqu permezz ta' talba rikonvenzjonali, dawn ghandhom ikunu konnessi mat-talba principali u l-iskop tal-istess huwa mhux biss li tigi eliminata l-obligazzjoni attrici, jew ikkompensata, izda wkoll li d-domandi attrici jigu b'kull mod, jekk mhux estinti, anke newtralizzati.(Nicholas Ellul et v Mary Cutajar et - PA FGC - 15 ta' Mejju 1998).[1]

*"Vi e` communanza di origine quando le due domande emanano dallo stesso fatto o dallo stesso contratto o titolo."* (Ara ad. ez. is-sentenzi fl-ismijiet "Paul u Agnes konjugi Bezzina vs Eagle Beams Limited et"

[1] Ara wkoll. Carmel Farrugia v Alexandra Farrugia – PA(RCP) - 6 ta' Marzu 2003

(Citaz. Numru 881/97/RCP) deciza fl-4 ta' Dicembru 1998, u "Dr. Vincent Falzon nomine vs Raymond u Salvina Mifsud" (Citaz. Nru. 2302/97/RCP).

"Dawn il-principji gew elaborati minn din il-qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet Air Malta p.l.c. v Lawrence Borg ghan-nom ta' South Rays Holidays Limited (PA)(JRM) - dec. fit-30 ta' Gunju 2004)**.** Il-Qorti irriteniet hekk:-

"*Huwa stabbilit li b'"fatt" wiehed jifhem dik il-gabra ta' operazzjonijiet jew negozji li nisslet ir-rabta guridika*[2]*. ...Il-Qorti hija tal-fehma meqjusa li "fatt" ma jista' jkun qatt xi haga li tnisslet u sehhet wara u b'konsegwenza tal-fatt li nbdew proceduri fil-Qorti biex jigi determinat guridikament jekk xi wahda mill-partijiet kinitx kisret il-ftehim - jig, l-veru "fatt";*

"Fil-kaz odjern, ma jistax jinghad li hemm dik il-komunanza bejn it-talba u l-kontro-talba li jrid il-legislatur. Il-fatt li jaghti lok ghall-kawza attrici huwa l-ingann, mentri l-fatt li jaghti lok ghall-kontro-talba huwa l-kwalita tieghu ta' eredi. Taht certu ottika iz-zewg talbiet huma relatati fis-sens li dak mitlub bil-kontro-talba jrid jistenna l-ezitu finali tat-talba attrici. F'kaz li t-testment jigi annullat, allura l-konvenut ma jkunx jista' jkompli bil-pretensjonijiet tieghu.

"Il-*petitum* fiz-zewg talbiet huwa wkoll distint in kwantu li l-attrici qed titlob l-annullament tat-testment filwaqt il-konvenut rikonvenzjonant qed jitlob id-divizjoni tal-assi. Dan iwassal ghall-punti li anke l-iskop tal-provi fiz-zewg kawzi huma differenti.

"Illi fid-dawl tal-premess, il-qorti tqies li t-tieni eccezzjoni sollevata mill-attrici fir-risposta rikonvenzjonali taghha ghandha tigi milqugha in kwantu li hija legalment sostenibbli."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut rikonvenzjonant Raymond Borg tas-16 ta' Ottubru, 2015, li permezz tieghu appella minn dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti laqghat it-tieni eccezzjoni tal-attrici rikonvenzjonata, kif inghad, u ddikjarat it-talba rikonvenzjonali nulla u bla effett. Ghalhekk il-konvenut rikonvenzjonant talab illi din il-Qorti tilqa'

[2] Ara Digesto Italiano (Vol. IX) Voce "*Fatto*" pag. 548-9 u App. Kumm. 6.2.1985 fil-kawza fl-ismijiet *Maria Grazia Fava vs Salvino Farrugia* (mhix pubblikata). Bran iccitat ukoll mill-On.Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet Paul Gambin v Frank Gambin pro et noe -dec.fis-27 ta' Marzu 1996.

l-appell odjern, billi tvarja s-sentenza fuq citata fuq l-eccezzjonijiet preliminari, billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni sollevata minnu u sa fejn cahdet ukoll l-ewwel eccezzjoni tal-attrici rikonvenzjonata u tikkancella dik il-parti fejn il-Qorti laqghat it-tieni eccezzjoni tal-atttrici u ddikjarat t-talba rikonvenzjonali bhala nulla u bla effett, u minflok tichad din l-istess eccezzjoni ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess appell, bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat ir-risposta tal-appell tal-attrici rikonvenzjonata tat-2 ta' Settembru, 2016, li in forza taghha talbet illi din il-Qorti tichad l-appell ta' Raymond Borg u tikkonferma d-decizjoni appellata, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Mejju, 2017, fejn wara li d-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-appell, dan baqa' differit ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attrici, bhala armla ta' Carmelo Zahra, qeghda tattakka t-testment maghmul minn zewgha, ftit qabel ma miet, peress li tikkontendi li dan ma jirraprezentax il-volontà tad-decuius, izda

ssostni li kien frott l-ingann da parti tal-konvenut. Konsegwentement hija qeghda tikkontendi li ladarba t-testment in kontestazzjoni huwa null u invalidu, s-successjoni tad-decuius ghandha tkun regolata bil-provvedimenti tal-ligi applikabbli f'kaz ta' successjoni *ab intestato,* u ladarba l-attrici hija martu u ma kellhomx tfal, hija l-eredi universali tieghu. Titlob ukoll li jigu likwidati l-assi ereditarji kollha ta' Carmelo Zahra, kif ukoll li l-konvenut jigi kkundannat jghaddi l-imsemmija assi ereditarji, flimkien mal-frottijiet, lill-istess attrici. Dan b'riserva ghad-dritt tas-sehem rizervat, f'kaz li l-azzjoni attrici ma tirnexxix.

Il-konvenut ma llimitax ruhu li jikkontesta l-pretensjonijiet attrici permezz tal-eccezzjonijiet tieghu, izda pprevalixxa ruhu mid-dritt li jipprezenta kontrotalba kontra l-attrici, kontestwalment mar-risposta guramentata tieghu. Permezz tal-istess kontrotalba l-konvenut rikonvenzjonant qieghed jitlob dikjarazzjoni li permezz tat-testment tat-3 ta' Mejju, 2014, fl-atti tan-nutar Carmel Martinelli, huwa l-eredi universali tal-mejjet Carmelo Zahra. Talab li tigi stabbilita u llikwidata l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn Carmelo Zahra u l-attrici Antonia Zahra u li tigi ordnata l-qasma tal-assi f'zewg ishma, sabiex wiehed jigi assenjat lilu u l-iehor lill-attrici. Hekk ukoll talab li l-attrici rikonvenzjonata tigi ordnata sabiex tghaddilu sehemu ta' nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk kif likwidati. Fl-ahhar jippretendi wkoll, li f'kaz ta' proprjetà immobbli, din tigi divisa f'kaz li hija komodament divisibbli, jew li tinbiegh permezz ta'

bejgh b'licitazzjoni f'kaz li mhix, b'dan li r-rikavat jinqasam bejn l-attrici rikonvenzjonata u bejnu fi kwoti ndaqs bejniethom.

Permezz tal-appell tieghu l-konvenut rikonvenzjonant jghid li hassu aggravat bl-imsemmija sentenza appellata meta l-ewwel Qorti rriteniet li ma kien hemm ebda konnessjoni bejn it-talba u l-kontrotalba in kwantu rriteniet illi l-fatt li jaghti lok ghall-kawza attrici huwa l-ingann, mentri l-fatt li jaghti lok ghall-kontrotalba hija l-kwalità tieghu ta' eredi. Ir-rikonvenzjonant appellant jikkontendi li l-fatt li ta lok ghall-proceduri odjerni mhux l-ingann imma l-eredità tad-decuius u d-devoluzzjoni taghha, peress li m'hemmx qbil min hu l-eredi. Filwaqt li l-attrici appellata tallega li t-testment huwa vizjat u ghalhekk hija ghandha tiret, huwa jikkontendi li t-testment huwa validu u ghalhekk wiret hu.

Jattakka wkoll id-decizjoni tal-ewwel Qorti sa fejn iddecidiet li l-*petitum* fiz-zewg talbiet huma wkoll distinti, in kwantu l-attrici qeghda titlob l-annullament tat-testment, mentri l-konvenut rikonvenzjonant qieghed jitlob id-divizjoni tal-assi u konsegwentement l-iskop tal-provi fiz-zewg kazi huma differenti. Izda l-konvenut appellant jishaq li jirrizulta l-konnesjoni fil-*petitum* peress li l-attrici stess qeghda titlob li jigu likwidati l-assi tad-decuius, filwaqt li huwa qieghed jitlob li jigi moghti nofs l-assi li kienu jifformaw nofs il-komunjoni tal-akkwisti li kienet tezisti bejn l-attrici u d-decuius. Ghalhekk ukoll, jikkontendi li l-provi ser ikunu identici

peress li jridu jigu identifikati l-assi tad-decuius formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti sabiex tigi rizolta t-talba attrici.

L-attrici rikonvenzjonata appellata fir-risposta taghha ttenni r-ragunament moghti mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Ghandu jinghad mal-ewwel li din il-Qorti ssib li l-appell tal-konvenut rikonvenzjonant huwa gustifikat in kwantu t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut mhux biss hija konnessa mat-talba tal-attrici izda l-kontrotalba hija konnessa bil-mod kif trid il-ligi.

Kif gustament osservat l-ewwel Qorti, l-Artikolu 396 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), jezigi li l-kontro-talba tal-konvenut trid tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba attrici. Kontrotalba titqies ukoll li hija konnessa mat-talba attrici fis-sens li trid il-ligi meta l-iskop tal-kontrotalba jkun li jpaci l-kreditu pretiz mill-attur, jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn jew jimpedixxi l-azzjoni attrici.

Fil-fatt fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Neg. Luigi Spiteri Debono v. Neg. Charles Darmanin noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc, fl-24 ta' April 1930, inghad li r-rekwiziti sabiex issir kontrotalba huma:-

"(a) *la comunanza di origine delle due cause, ovverro*

"(b) *la eliminazione reciproca delle due domande.*

"Illi dan jissussisti meta "*le due domande emanano dallo stesso fatto, dallo stesso contratto o titolo*". Kif ukoll:

"*La riconvenzione essendo in diritto un mezzo di difesa, venne dal legislatore giustamente estesa a tutti i casi sudetti – communanza di origine delle due cause ovvero, la eliminazione reciproca delle due domande – in cui il convenuto, agendo contro il suo attore, potrebbe difendersi* (Vol XXVII pI p895)".

Huwa meqjus li fil-kaz in ezami, dak li fil-gurisprudenza jissejjah bhala "*la comunanza di origine delle due cause"* huwa prezenti, in kwantu kemm it-talbiet attrici, kif ukoll dawk kontenuti fil-kontrotalba tal-konvenut jirrizultaw li kollha <u>gejjin mill-istess fatt,</u> cioè mis-successjoni tad-decuius Carmelo Zahra. Filwaqt li l-attrici tattakka t-testment tad-decuius u tikkontendi li s-successjoni ghandha tkun regolata bil-principji relativi ghas-successjoni *ab intestato* sabiex hija tigi dikjarata eredi universali, il-konvenut jikkontendi li t-testment huwa validu u li huwa l-eredi skont il-ligi. It-tnejn qeghdin jikkontendu l-eredità ta' Carmelo Zahra.

Kif inghad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta' Marzu, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Carmel Farrugia v. Alexandra Farrugia** (ikkonfermata fis-shih, salv ghall-kap tal-ispejjez, minn din il-Qorti fit-28 ta' Frar, 2005), fil-kuntest ta' kawza ta' separazzjoni fejn l-attur kien qieghed jattakka l-kuntratt tas-separazzjoni a bazi li l-kunsens tieghu

kien ivvizzjat, filwaqt li l-konvenuta kienet permezz tal-kontrotalba taghha titlob l-ezekuzzjoni tal-istess kuntratt, li kien qed jigi attakkat:

> *"Illi minn dan jirrizulta li l-legislatur kien liberali sew, u l-intenzjoni tieghu kienet mhux biss li tigi eliminata l-obbligazzjoni attrici, jew ikkompensata, izda ukoll jekk id-domandi attrici jigu b'kull mod, jekk mhux estinti, anke newtralizzati.*
>
> *"Illi tenut kont tal-fatt, li l-iskop tal-kontro-talba, huwa sabiex zewg kawzi bejn l-istess partijiet jinstemghu fi process wiehed, u b'hekk jigu evitati multiplicita' ta' kawzi bejn l-istess persuni, l-interprettazzjoni tal-istess artikolu ghandha tkun wahda estensiva, imbasta l-bazi tal-istess tigi rispettata u mhux znaturata.*
>
> *"Illi ghalhekk fl-interprettazzjoni tal-fonti ta' origine tal-istess kontro-talba, u cjoe` il-kuntratt, it-titolu u l-fatt, dawn ghandhom dejjem jigu nterpretati fil-kumpless ta' cirkostanzi li jaghtu hajja ghall-kawza u li jifformaw il-bazi tal-litigazzjoni. Dan tant huwa minnu li l-legislatur permezz ta' sub-artikolu (2) jestendi l-istess ghal kull mezz li bih l-azzjoni attrici tigi estinta, jew l-effetti taghha jigu newtralizzata.*
>
> *"Illi dan kollu ghaliex "la riconvenzione, essendo in diritto un mezzo di difesa, venne dal legislatore giustamente estesa a tutti i casi suddetti in cui il convenuto, agendo contro il suo attore, potrebbe difendersi". ("Nicholas Ellul et vs Mary Cutajar et" – P.A. (FGC) – 15 ta' Mejju,1998).*
>
> *"Illi konsistentement mal-premess, gew ammessi kontrotalbiet anke meta l-azzjoni attrici hija wahda kambjarja, bil-limitazzjoni tal-eccezzjonijiet li l-istess kawza timponi u dan proprju abbazi tal-artikolu 396(2) ("Guillaumier Industries Limited vs Victor Vella et" – RCP- 4 ta' Dicembru 1998).*
>
> *"Illi dan kollu huwa konformi mal-gurisprudenza prezenti li biha il-formalizmu esegerat ghandu jigi eliminat ghall-kollox, b'dan li wiehed ghandhu jaghti hafna aktar importanza ghas-sustanza milli ghall-forma, u ghandu jsir kull tentattiv sabiex jigu salvati l-atti giudizzjarji, u l-emendi li saru fl-1995 huma primarjament intizi ghal tali skop, u ineffetti ikkanonizzaw il-giurisprudenza moderna u konstanti tal-ahhar snin."*

Ghalkemm dan il-kaz kien jittratta kuntratt ta' separazzjoni, mhux testment, il-principji jibqghu l-istess u din il-Qorti taqbel perfettament ma' dawn il-principji appena enuncjati u taghmilhom taghha wkoll.

Fil-kuntest tal-*petitum*, jinghad ukoll li meta l-konvenut permezz ta' talba rikonvenzjonali jiehu spunt mill-azzjoni attrici u apparti li jirrezisti u jopponi ghaliha, jressaq kontrotalba fejn jitlob gudizzju favorevoli ghalih oltre s-semplici cahda tat-talba attrici, jista jinghad li dik il-kontrotalba ittendi tisposta l-limiti tal-procediment mibdi mill-attur fil-kawza, li jkunu ffissati permezz tat-talba attrici originali. Dan, pero`, ma jnaqqasx mill-validita` taghha. Fil-fatt kif kellha okkazzjoni din il-Qorti tispjega fis-sentenza taghha tas-27 ta' Marzu, 1996, fil-kawza fl-ismijiet **Paul Gambin v. Frank Gambin pro et noe:**

> "*La riconvenzione dicesi eccezzione non in senso stretto, ma in senso largo, inquantocchè il convenuto può opporre in giudizio all-azione contro di lui proposta, non solo la eccezzione, ma pure la riconvenzione; cioè domanda quell che gli si deve nello stesso tempo in cui si agise contro di lui e nello stesso giudizio.*
>
> "*Vi è riconvenzione, semprecchè per eccezzione ad una domanda principale, si opponga un altra domanda egualmente principale.*" (Vol. XI, p. 78)
>
> "…*Kif fuq indikat il-kontro-talba hi meqjusa bhala azzjoni separata, distinta u principali u ma hemm xejn x'josta li l-Qorti tilqa' kemm it-talba kif ukoll il-kontro-talba f'gudizzji allura separati u distinti imma naturalment fl-istess process.*"

Ovvjament jibqa' l-fatt li t-talba rikonvenzjonali trid necessarjament tibqa' tiddependi minn fatti li huma kollegati ma' dawk kontenuti fid-domanda attrici. Ir-rikonvenzjoni huwa istitut li permezz tieghu jinghaqdu zewg azzjonijiet awtonomi fi procediment wiehed u uniku, basta tibqa' tipprevali l-konnessjoni mahsuba fl-Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta'

Malta. Sakemm tibqa' tissussisti l-konnessjoni jew il-komunanza mal-azzjoni attrici, u ma jkunx hemm spustament drastiku tal-*causa petendi*, iz-zewg azzjonijiet jistghu jipprocedu simultanjament. Fil-fatt, l-istess provvedimenti dwar ir-rikonvenzjoni jikkontemplaw li talba rikonvenzjonali jkollha l-elementi kollha t'azzjoni awtonoma fil-konfront tal-azzjoni attrici, tant li l-Artikolu 401 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li f'kaz ta' rinunzja ghall-atti mill-attur mhix ta' xkiel li tigi deciza l-kontrotalba fil-mertu proprju taghha.

Hekk ukoll fil-kaz in ezami ghalkemm iz-zewg talbiet fl-azzjoni attrici u dik rikonvenzjonali huma distinti, jibqa' l-fatt li apparti li tezisti l-komunanza mehtiega fil-ligi bejn iz-zewg azzjonijiet, kif rilevat mill-appellant, iz-zewg partijiet qeghdin jitolbu likwidazzjoni tal-assi ereditarji, anke jekk l-istess talbiet huma msejsa fuq pretensjonijiet dijametrikament opposti, dik attrici fuq testment null u dik rikonvenzjonali fuq testment validu.

Kif osservat minn din il-Qorti, fis-sentenza taghha tal-5 ta' Ottubru, 2001, fil-kawza fl-ismijiet: **Sammy Meilaq noe v. Oral Attinel pro et noe et**:

> *"Din il-Qorti allura ma tistax tikkondividi l-fehma a priori illi f'sitwazzjoni ta' din ix-xorta l-azzjoni proposta tkun qed tigi znaturata. Affermat il-principju li l-att tac-citazzjoni u l-kontro-talba jippromwovu zewg azzjonijiet distinti li kellhom ezistenza indipendenti u awtonoma, tant li hu pacifiku li l-kontro-talba setghet tibqa' tigi konsidrata u deciza, nonostante illi t-talba attrici tkun giet ceduta, wiehed kellu propjament*

> *jasal ghall-konkluzzjoni inevitabbli li kemm l-azzjoni, kif ukoll il-kontrotalba kellhom in-natura propja taghhom, u kienu konnessi biss sal-punt illi l-ligi, fil-limiti wiesgha kif issa emendata, tesigi biex il-konvenut ikun jista' jipproponi kontro-talba. It-test veru f'din is-sitwazzjoni allura kellu jkun jekk kienux jokkorru dawk l-elementi mehtiega biex il-konvenut jipproponi kontro-talba skont il-ligi. Jekk dawn jirrizultaw min-natura tal-kontro-talba, u jekk din kienetx jew le ta' l-istess xorta ta' l-azzjoni kienet ghal kollox irrilevanti ghall-fini tar-regolarità tal-proponiment taghha…"*

Wara kollox, kif osservat l-ewwel Qorti meta qalet li taht certu ottika iz-zewg talbiet huma relatati, fis-sens li dak mitlub bil-kontrotalba jrid jistenna l-ezitu finali tat-talba attrici u li f'kaz li t-testment jigi annullat, allura l-konvenut ma jkunx jista' jkompli bil-pretensjonijiet tieghu, dan ma jfissirx li z-zewg talbiet ma jistghux jezistu flimkien, izda li l-ewwel ghandha bilfors tigi deciza t-talba attrici u wara tigi deciza l-kontrotalba. Hekk ukoll meta dik il-Qorti rriteniet li l-*petitum* fiz-zewg talbiet huwa distint, donnha warrbet il-fatt li fl-istess talbiet attrici qieghed jintalab ukoll li jigu likwidati l-assi tad-decuius.  B'hekk l-ewwel ma jrid jigi deciz huwa l-validità o meno tat-testment in kwistjoni, qabel il-Qorti tghaddi biex jew tillikwida kif titlob l-attrici, jew tillikwida kif jitlob il-konvenut, skont il-kaz li ghad irid jirrizulta mis-smiegh fil-mertu.

Ghalhekk jibqa' l-fatt li din il-Qorti tirriskontra l-komunanza bejn it-talbiet attrici u t-talbiet rikonvenzjonali mahsuba fil-ligi u konsegwentement tqis l-aggravju tal-konvenut appellanti bhala misthoqq u ser tilqghu f'dan is-sens.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut rikonvenzjonant appellant, billi tilqa' l-istess u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata tad-29 ta' Settembru, 2015, billi:

(1) tikkonfermaha safejn gie deciz illi cahdet l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, u cahdet ukoll l-ewwel eccezzjoni tal-attrici rikonvenzjonata;

(2) tirrevokaha in kwantu l-istess sentenza laqghet it-tieni eccezzjoni tal-attrici u ddikjarat t-talba rikonvenzjonali bhala nulla u bla effett, u

(3) minflok tiddikjara l-istess kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonant ammissibbli u ghalhekk tichad it-tieni eccezzjoni preliminari tal-attrici rikonvenzjonata appellata;

(4) Tikkonferma l-bqija tas-sentenza.

Bl-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

Il-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df